REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1932

tat-23 ta' Ottubru 2017

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Billi:

1. MIŻURI FIS-SEĦĦ

(1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 ([2]) ("ir-Regolament oriġinali"), il-Kunsill impona dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina" jew "il-pajjiż ikkonċernat"). L-investigazzjoni li wasslet għar-Regolament imsemmi qabel, użat bħala perjodu ta' investigazzjoni l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 ("l-investigazzjoni oriġinali").

2. L-INVESTIGAZZJONI ATTWALI

2.1. Proċedura

(2) Wara talba mressqa minn Kyocera Fineceramics Group ("l-applikant" jew "Kyocera"), il-Kummissjoni ħabbret b'notifika ("notifika ta' bidu") ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]) il-bidu ta' rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. Il-grupp jinkludi Dongguan Shilong Kyocera Co. Ltd., produttur esportatur fiċ-Ċina. Ir-rieżami kien limitat għal eżaminazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott fir-rigward tal-kjarifika dwar jekk ċerti tipi ta' prodott (jiġifieri apparati taċ-ċeramika li jqattgħu fi flieli, ħakkieka taċ-ċeramika, imqassijiet taċ-ċeramika, barraxa taċ-ċeramika, magni taċ-ċeramika li jsinnu u mtieħen tal-kafe taċ-ċeramika jew, flimkien, "it-tipi ta' prodott inkwistjoni") jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat.

(3) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment il-partijiet kollha li kkooperaw fl-investigazzjoni oriġinali kif ukoll l-awtoritajiet taċ-Ċina bil-bidu tal-proċediment. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu ta' żmien stabbilit fin-notifika ta' bidu.

(4) Il-Kummissjoni bagħtet ukoll kwestjonarju lill-applikant. Barra minn hekk, il-partijiet li kkooperaw fl-investigazzjoni oriġinali ġew mitluba jikkummentaw fuq kwalunkwe differenzi bejn il-prodott li qed jiġi rieżaminat, kif definit fil-premessa (8), u t-tipi ta' prodott inkwistjoni fir-rigward tal-karatteristiċi bażiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tagħhom, il-proċess tal-produzzjoni tagħhom, l-użu finali u aspetti oħra (jekk ikollhom).

(5) Kyocera ressaq tweġiba u kummenti għal kwestjonarju dwar is-sustanza tar-rieżami. Distributur Taljan qal li t-tipi ta' prodott inkwistjoni jirrappreżentaw parti żgħira ħafna tal-varjetà tiegħu. Tmintax-il kumpanija (żewġ importaturi fl-Italja u 16-il kumpanija fiċ-Ċina) wieġbu li ma kellhomx x'jaqsmu mat-tipi ta' prodott inkwistjoni. L-ilmentatur fl-investigazzjoni oriġinali ppreżenta ruħu iżda ma għamel l-ebda rappreżentazzjoni.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU L 131, 15.5.2013, p.1.
([3]) ĠU C 117, 12.4.2017, p. 12.

(6) Il-Kummissjoni fittxet li tiġbor u li tivverifika l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għall-finijiet ta' valutazzjoni dwar jekk kienx hemm ħtieġa ta' kjarifika/emenda tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri antidumping eżistenti.

(7) Il-partijiet interessati kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom intlaħqu l-konklużjonijiet preżenti. Skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament bażiku, il-partijiet ingħataw perjodu li matulu setgħu jressqu rappreżentazzjonijiet wara l-iżvelar. Apparti l-applikant (li laqa' t-test), l-ebda parti ma ssottomettiet kummenti orali jew bil-miktub.

2.2. **Il-prodott li qed jiġi rieżaminat**

(8) Il-prodott li qed jiġi rieżaminat huwa l-prodott ikkonċernat kif definit fir-Regolament oriġinali, jiġifieri oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina, esklużi skieken taċ-ċeramika, oġġetti taċ-ċeramika li jaħżnu kondiment jew imtieħen tal-ħwawar u l-partijiet taċ-ċeramika tagħhom li jitħnu, għodod li jqaxxru l-frott u l-ħaxix magħmula miċ-ċeramika, senniena taċ-ċeramika għas-skieken u ġebel tal-pizza taċ-ċeramika cordierite tat-tip użat għall-ħami tal-pizza jew il-ħobż ("il-prodott li qed jiġi rieżaminat"), li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 6911 10 00, ex 6912 00 21, ex 6912 00 23, ex 6912 00 25 u ex 6912 00 29 (kodiċijiet TARIC 6911 10 00 90, 6912 00 21 11, 6912 00 21 91, 6912 00 23 10, 6912 00 25 10 u 6912 00 29 10) u li joriġinaw miċ-Ċina.

2.3. **Riżultati tal-investigazzjoni**

2.3.1. *Introduzzjoni u metodoloġija*

(9) Fid-dawl tal-istatistika rilevanti meħuda mill-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku, kull sena madwar 350 000 tunnellata ta' oġġetti taċ-ċeramika Ċiniżi li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina jidħlu fis-suq tal-Unjoni.

(10) Skont Kyocera, it-tipi ta' prodott inkwistjoni għandhom proċess ta' produzzjoni, użi finali, disinn u karatteristiċi differenti mill-prodott li qed jiġi rieżaminat. B'konsegwenza, Kyocera saħaq li, kif kien ikkonfermat għal skieken taċ-ċeramika u tipi ta' prodott oħrajn fl-investigazjoni oriġinali, it-tipi ta' prodott inkwistjoni jenħtieġ li jiġu eskluż wkoll mill-miżuri antidumping.

(11) Fid-dawl tal-proċessi tal-produzzjoni u/jew katalgi tagħhom, fl-investigazzjoni oriġinali l-produtturi li kkooperaw fil-kampjunar fl-Unjoni u ċ-Ċina, u l-produttur tal-pajjiż analogu fil-Brażil ma pproduċewx it-tipi ta' prodott inkwistjoni. Din is-sejba ġiet appoġġata iktar mid-dikjarazzjoni tas-16-il kumpanija (produtturi esportaturi li kkooperaw, tal-prodott ikkonċernat fiċ-Ċina fl-investigazzjoni oriġinali) u żewġ importaturi fl-Italja msemmija fil-premessa (5). Għalhekk, kull dejta u informazzjoni użati u ppreżentati fir-Regolament oriġinali ma inkludewx kwalunkwe dejta relatata mat-tipi ta' prodott inkwistjoni.

(12) Il-Kummissjoni eżaminat jekk it-tipi ta' prodott inkwistjoni kinux distinti minn tipi oħra ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina attwalment suġġetti għal miżuri bbażati fuq (i) il-karattereristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tagħhom, (ii) il-proċess ta' produzzjoni tagħhom u (iii) l-użi finali tipiċi u l-interkambjabbiltà tagħhom.

2.3.2. *Il-karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi*

(13) L-oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina kif definiti fir-Regolament oriġinali huma magħmula minn "ċeramika tradizzjonali", jiġifieri porċellana jew kina, ta' fuħħar komuni, oġġetti magħmulin mill-ġebla, oġġetti magħmulin miċ-ċaqquf jew fuħħar fin jew materjali oħra li jagħtuhom saħħa ta' 1 000 kg/m² ~ 1 200 kg/m².

(14) It-tipi ta' prodott inkwistjoni jinkludu parti li taħdem (biex taqta', titħon jew issinn) u parti li ma taħdimx (biex iżżommhom). Il-parti li taħdem hija magħmulha minn ċeramika avvanzata.

(15) Oġġetti taċ-ċeramika avvanzata huma żviluppati b'teknoloġija avvanzata biex iservu bħala materjali industrijali. Dawn huma reżistenti għas-sħana, għandhom reżistenza għall-kedd u materjal ta' insulazzjoni. Is-saħħa tagħhom hija 10 000 kg/m² ~12 000 kg/m².

(16) Il-materja prima prinċipali tagħhom ta' ċeramika tradizzjonali tinkludi minerali bħall-kawlina, feldspar u kwarz. Jew l-ossidu taż-żirkonju jew l-ossidu tal-aluminju huma l-materja prima ta' ċeramika avvanzata.

(17) Minħabba d-disinn speċifiku u l-karatteristiċi fiżiċi tagħhom, l-oġġetti taċ-ċeramika ta' fuq il-mejda u tal-kċina kif definiti fir-Regolament oriġinali jkopru prinċipalment oġġetti mmirati biex iġorru prodotti alimentari. Minħabba d-disinn speċifiku u l-karatterisitċi fiżiċi tagħhom (forma u ebusija) it-tipi ta' prodott inkwistjoni huma mmirati biex iqattgħu (biċċiet ta') prodotti alimentari b'mod differenti, inkluż pereżempju t-ħin jew, kif inhu l-każ tas-senniena taċ-ċeramika, biex isinnu ċerti għodod.

2.3.3. *Proċess tal-produzzjoni*

(18) L-investigazzjoni tar-rieżami stabbilixxiet li linja tal-produzzjoni użata biex tipproduċi ċeramika tradizzjonali mhijiex adatta biex tipproduċi ċeramika avvanzata. Tipikament, il-proċess ta' produzzjoni taċ-ċeramika tradizzjonali jeħtieġ iż-żieda tal-ilma mal-materja prima biex isir tafal jew barbotine, imbagħad issir il-forma u wara jsir f'kalkara konvenzjonali f'temperatura ta' 1 000 °C-1 250 °C. B'distinzjoni, il-partijiet li jaħdmu tat-tipi tal-prodott inkwistjoni huma prodotti billi t-trab taċ-ċeramika pur jitpoġġa f'forma li titqiegħed taħt pressjoni għolja biex it-trab jiġi solidifikat fil-forma mixtieqa. Il-materjal jiġi msajjar u sinterizzat f'kalkara taħt temperaturi kkontrollati b'mod preċiż (it-temperatura tat-tisjir tkun 1 400 °C).

2.3.4. *L-użi finali tipiċi u l-interkambjabbiltà*

(19) Kif enfasizzat fil-premessa (17), it-tipi tal-prodott inkwistjoni mhumiex immirati biex iżommu prodotti alimentari, li huwa l-użu finali tipiku tal-prodottt ikkonċernat kif definit fir-Regolament oriġinali.

(20) L-investigazzjoni ta' rieżami uriet li ma hemm l-ebda interkambjabbiltà bejn kwalunkwe mill-kategoriji tal-prodott li qed jiġi riezaminat u t-tipi ta' prodotti inkwistjoni.

2.4. **Konklużjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott**

(21) L-investigazzjoni ta' rieżami stabbilixxiet li, minħabba l-karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi differenti tagħhom, l-użi finali differenti u proċessi tal-produzzjoni differenti, it-tipi tal-prodott inkwistjoni ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri antidumping fis-seħħ.

(22) Huwa għalhekk meqjus xieraq li jiġi ċċarat li apparat taċ-ċeramika li jqattgħu fi flieli, ħakkieka taċ-ċeramika, imqassijiet taċ-ċeramika, barraxa taċ-ċeramika, magni taċ-ċeramika li jsinnu u mtieħen tal-kafe taċ-ċeramika ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott suġġett għal miżuri antidumping.

(23) Fid-dawl ta' dak li ssemma hawn fuq, jitqies xieraq li jiġi emendat ir-Regolament oriġinali biex tiġi ċċarata d-definizzjoni tal-prodott.

(24) Partijiet interessati ġew informati dwar il-konklużjonijiet tal-investigazzjoni ta' rieżami.

2.5. **Applikazzjoni retroattiva**

(25) In-notifika ta' bidu stiednet lill-partijiet interessati jagħmlu l-ħsibijiet tagħhom magħrufa dwar l-applikazzjoni retroattiva possibbli ta' kwalunkwe Regolament li jirriżulta minn dan ir-rieżami. Ħlief għall-applikant, l-ebda parti ma għamlet rappreżentazzjoni dwar il-kwistjoni.

(26) Billi din l-investigazzjoni tar-reviżjoni kienet limitata għall-kjarifika tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott, u billi t-tipi ta' prodott inkwistjoni ma kinux koperti mill-investigazzjoni oriġinali u mill-miżura antidumping konsegwenti, jitqies xieraq li l-konklużjonijiet ta' dan ir-rieżami jibdew japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament oriġinali, inkluża kull importazzjoni suġġetta għal dazji proviżorji bejn is-16 ta' Novembru 2012 u s-16 ta' Mejju 2013. Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda raġuni prevalenti li tipprevjeni l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjoni retroattiva.

(27) Għaldaqstant, għal oġġetti li mhumiex koperti bl-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 412/2013 kif emendat b'dan ir-Regolament, id-dazju anti-dumping definittiv imħallas jew imdaħħal fil-kontijiet skont l-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 412/2013 u d-dazji antidumping provviżorji miġbura definittivament skont l-Artikolu 2 tal-istess Regolament għandhom jitħallsu lura jew jiġu rimessi.

(28) Il-ħlas lura jew ir-remissjoni għandhom jintalbu mingħand l-awtoritajiet doganali nazzjonali skont il-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

(29) Dan ir-rieżami ma jaffettwax id-data ta' meta r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 412/2013 jintemm skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(30) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 412/2013 huwa b'dan sostitwit b'dan li ġej:

"1. Permezz ta' dan qed jiġi impost dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 6911 10 00, ex 6912 00 21, ex 6912 00 23, ex 6912 00 25 u ex 6912 00 29 (kodiċijiet TARIC 6911 10 00 90, 6912 00 21 11, 6912 00 21 91, 6912 00 23 10, 6912 00 25 10 u 6912 00 29 10) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

Ma humiex inklużi:

— imtieħen tal-kondimenti jew tal-ħwawar taċ-ċeramika u l-partijiet tat-tħin taċ-ċeramika tagħhom,

— imtieħen tal-kafè taċ-ċeramika,

— senniena taċ-ċeramika għas-skieken,

— senniena taċ-ċeramika,

— għodod tal-kċina taċ-ċeramika li jintużaw għall-qtugħ, tħin, tħakkik, tfettit, brix u tqaxxir; kif ukoll

— ġebel tal-pizza taċ-ċeramika cordierite tat-tip użat għall-ħami tal-pizza jew tal-ħobż".

Artikolu 2

Għal oġġetti li mhumiex koperti mill-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 412/2013 kif emendat b'dan ir-Regolament, id-dazji antidumping definittivi mħallsa jew imdaħħla fil-kontijiet skont l-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 412/2013 fil-verżjoni inizjali tiegħu u d-dazji antidumping provviżorji miġbura b'mod definittiv skont l-Artikolu 2 tal-istess Regolament għandhom jitħallsu lura jew jitnaqqsu.

Il-ħlas lura u r-remissjoni għandhom jintalbu mill-awtoritajiet doganali nazzjonali f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

Fil-każijiet li fihom il-limitu ta' żmien ta' tliet snin stipulat fl-Artikolu 121(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] ikun skada dakinhar tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew qabel, jew fi żmien sitt xhur wara dik id-data, dan għandu jkun prolongat għal perjodu ta' sitt xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 121(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-16 ta' Novembru 2012.

[1] ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER